

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Stayer Ibérica, SA (Pinto, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Proprietarju tat-trade mark kontenzjuża: il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea “STAYER” – Trade mark tal-Unjoni Nru 9 498 395

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' kanċellazzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-16 ta' Diċembru 2021 fil-Każ R 932/2021-1

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) 207/2009.

Rikors ippreżentat fil-25 ta' Frar 2022 – L-Ungerija vs Il-Kummissjoni Ewropea

(Kawża T-104/22)

(2022/C 158/15)

Lingwa tal-kawża: l-Ungeriż

Partijiet

Rikorrent: L-Ungerija (rappreżentanti: M. Z. Fehér u G. Koós, aġenti)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Diċembru 2021 li permezz tagħha ġew eżaminati mill-ġdid l-oġġezzjonijiet min-naħa tal-Ungerija kontra l-iżvelar ta' dokumenti, fir-rigward tat-talba konfermattiva GEST-DEM 2021/2808, imressqa sabiex jiġi ggarantit l-aċċess tal-pubbliku għal dokumenti li joriġinaw mill-Ungerija;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Motivi u argumenti prinċipali

Fid-deċiżjoni kkontestata, il-Kummissjoni tat aċċess pubbliku parzjali għad-dokumenti mitluba minn min ressaq it-talba, minkejja l-fatt li l-awtoritajiet Ungeriżi kienu invokaw espressament l-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess deċiżjonali previst fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001⁽¹⁾ u li l-Kummissjoni kienet aċċettat fil-każ inkwistjoni sat-talba konfermattiva.

Skont il-Gvern Ungeriż, l-interpretazzjoni mogħtija mill-Kummissjoni fid-deċiżjoni kkontestata hija mhux biss kuntrarja għall-prattika preċedenti tagħha u għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, iżda, barra minn hekk, tippreġudika b'mod gravi l-kooperazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet ta' ġestjoni tal-Istati Membri. Il-Gvern Ungeriż, minbarra l-fatt li jsostni li l-istituzzjoni tal-Unjoni ser ikollha tiegħu deċiżjoni meta jiġi emendati l-programmi operazzjoni u li jikkunsidra, f'dan ir-rigward, li l-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament 1049/2001 għandha tiġi applikata, jenfasizza li l-partikolarità tal-proċedura attwali hija li d-deċiżjoni tal-Istat Membru fil-kuntest tal-ġestjoni maqsuma hija fil-verità meħuda taħt superviżjoni stretta tal-Kummissjoni. Formalment, għalkemm din hija deċiżjoni tal-awtorità tal-Istat Membru, il-Kummissjoni tista' teżerċita influwenza li tista' tintwera fuq din id-deċiżjoni, u għalhekk huwa iktar inaċċettabbli li tali deċiżjoni ma tkunx is-suġġett tal-protezzjoni offruta minn din l-eċċezzjoni. L-eċċezzjoni prevista fl-Artikolu 4(3) tar-Regolament Nru 1049/2001 hija wkoll intiża sabiex ttiproteġi t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-awtoritajiet tal-Istati Membri.

(¹) Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 1, Vol. 3, p. 331).

Rikors ippreżentat fit-28 ta' Frar 2022 – Schneider vs EUIPO – Frutaria Comercial de Frutas y Hortalizas (frutania)

(Kawża T-109/22)

(2022/C 158/16)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrent: Markus Schneider (Bonn, il-Ġermanja) (rappreżentanti: M. Bergermann u D. Graetsch, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Frutaria Comercial de Frutas y Hortalizas, SL (Zaragoza, Spanja)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Applikant għat-trade mark kontenzjuża: ir-rikorrent

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea frutania ta' kulur blu – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 987 419

Proċedimenti quddiem l-EUIPO: proċedimenti ta' oppożizzjoni

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tas-17 ta' Diċembru 2021 fil-Każ R 1058/2017-1

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali joghħobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż inklużi dawk tal-proċedimenti ta' appell.

Motiv invokat

- applikazzjoni u interpretazzjoni żbaljati tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.